# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' LULJU, 2022**

**Kawza Numru: 10**

**Rik. Ġur. Nru. 158/2022 RGM**

**Maria Theresa Chan**

**vs.**

**(i) Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Sahha;**

**(ii) Id-Direttur Ġenerali (*People Management*) fi ħdan il-*People Management Division* tal-Ministeru tas-Saħħa**

**(iii) Is-Segretarju Permanenti Ewlieni**

**Il-Qorti:**

**Din hija sentenza in parte dwar eċċezzjoni fejn ġiet eċċepita n-nulita' tar-rikors ġuramentat promotur**.

Rat ir-**Rikors Ġuramentat ta' Maria Theresa Chan** ippreżentat fl-24 ta' Frar, 2022 li permezz tiegħu u għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet lill-Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom qegħdin jaġixxu b'aġir abużiv, illegali u lleċitu stante li qegħdin jiksru l-obbligazzjonijiet tagħhom fil-konfront tal-esponenti billi mhumix isegwu id-dettami ta' **klawsola 4.4 tal-Ftehim datat 3 ta' Frar 2016 (Dok. A);**

2. Tiddikjara illi l-esponenti kellha tiġi rikonoxxuta li tokkupa pożizzjoni ta' impjieg fi skala ta' salarju tnax (12) fis-sistema ta' salarji tal-Gvern ta' Malta ai termini ta' **klawsola 4.4 tal-Ftehim datat 3 ta' Frar 2016** u għaldaqstant illum il-ġurnata hi għandha tokkupa grad numru sebgħa (7) fi skala tnax (12);

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti konsegwenza tal-intimati jew min minnhom, senjatament it-telf fiż-żidiet fis-salarju sa mit-3 ta' Frar 2016;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tat-tielet talba a favur tagħha, inkluż l-imgħaxijiet skond il-Liġi.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu inter alia appuntat il-kawża għas-smiegħ u ordnat in-notifika lill-konvenuti.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Sahha u tad-Direttur Ġenerali Ministeru ghas-Saħħa** ippreżentata fil-11 t'April, 2022 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għat-talbiet attriċi.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tas-Segretarju Permanenti Ewlieni** ppreżentata fit-18 t'April, 2022 li permezz tagħha, fost eċċezzjonijiet oħra, eċċepixxa b'mod preliminari illi r-rikors ġuramentat promotur huwa null fil-konfront tiegħu peress li ma ġiex preċedut minn att ġudizzjarju indirizzat lilu skond l-**artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Rat in-nota tal-attrċi tal-11 ta' April 2022 bil-lista dettaljata tax-xhieda li ser tressaq f'din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' April 2022 li permezz tiegħu laqgħet talba li saret mill-attriċi waqt is-seduta in vista ta' l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa et.; permezz ta' liema digriet il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-atti fis-sens illi fl-okkju isem it-tieni konvenut jiġi kanċellat u sostitwit bl-isem "**Direttur Ġenerali (People Management) fi ħdan il-People Management Division tal-Ministeru tas-Saħħa**."

Rat id-digriet tas-27 ta' April 2022 li permezz tiegħu idderiġiet lill-partijiet illi f'dan l-istadju l-Qorti kienet ser tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni illi r-rikors ġuramentat promotur huwa null peress li fil-konfront tiegħu ma ġiex preċedut minn att ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni preżentata fid-29 ta' April 2022 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi tal-10 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

Il-kawża odjerna hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi, impjegata fis-servizz pubbliku bħala "Phlebotomist Technician and Decontamination and Sterilization Technician" fl-Isptar Mater Dei, qed tħarrek lill-konvenuti, ilkoll uffiċjali pubbliċi, fejn qed titlob rimedju minħabba li tallega li l-konvenuti aġixxew illegalment u abbużivament bi ksur tal-fethim kollettiv settorjali li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-kategorija tagħha meta tqegħdet fi Skala 13 mentri l-attriċi tikkontendi li kellha titqiegħed fi Skala 12.

Permezz tas-sentenza tallum il-Qorti ser tiddeċiedi jekk hiex fondata l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni fejn jeċċepixxi illi fil-konfront tiegħu r-rikors ġuramentat promotur huwa null peress illi ma ġietx preċeduta minn att ġudizzjarju indirizzat lill-istess Segretarju Permanenti Ewlieni skond l-artikolu 460 tal-Kap. 12.

Essenzjalment permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni qed jilqa' għall-azzjoni attriċi kontra tiegħu billi jeċċepixxi illi l-azzjoni fil-konfront tiegħu hija nulla minħabba li fil-konfront tiegħu l-attriċi naqset milli tosserva dak dispost *ad validitatem* bl-artikolu 460 imsemmi..

Ma hux kontestat mill-attriċi illi huwa minnu li qabel isititwit il-kawża odjerna hija ma kenitx ippreżentat ittra uffiċjali kontra s-Segretarju Permanenti Ewlieni. Il-kuntrast bejn l-attriċi u l-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni hi essenzjalment jekk tali interpellazzjoni uffiċjali ġietx sodisfatta billi ġie notifikat l-Avukat tal-Istat u uffiċjali pubbliċi oħra.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –
>
> (a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew
> (b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew
> (c) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew
> (d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;
> (e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ.

Ikkonsidrat illi n-natura tal-azzjoni attriċi hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, is-sub inċiż 2 tal-Artikolu 460 ma hux applikabbli għaliex l-azzjoni attriċi ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-proċedimenti kontemplati fis-sub inċiż 2.

Fl-istess ħin jirriżulta illi l-kariga pubblika tas-Segretarju Permanenti Ewlieni taqa' taħt dak provdut fis-sub inċiż 1 meta jipprovdi dwar azzjonijiet ġudizzjarji "... kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha," M'għandux ikun hemm dubju illi l-kariga ta' Segretarju Permanenti Ewlieni taqa' fil-kategorija imsemmija fis-sub inċiż 1 li allura huwa

Bħala punt ta' tluq tajjeb li jiġi sottolineat illi speċjalment wara l-emendi fil-liġi tal-proċedura introdotti bl-**Att XXIV tas-sena 1995** b'mod partikolari **Artikolu 175 tal-Kap 12**[1], il-formaliżmu esaġerat fil-proċeduri ġudizzjarji ġie mnaqqas u bir-raġun. Sa fejn possibbli l-qrati għandhom ikunu inklinati li jsalvaw l-atti u mhux li jannullawhom jew jiddikjarawhom nulli.[2] Dejjem naturalment fil-parametri tal-liġi applikabbli.

Kif rajna il-konvenut Segretarju Prinċipali Ewlieni jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullita' tar-rikors ġuramentat promotur fil-konfront tiegħu fuq l-Artikolu 460 tal-Kap. 12. Din l-eċċezzjoni trid tinqara b'applikazzjoni tal-**Artikolu 789 tal-Kap 12** li jipprovdi dwar l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' atti ġudizzjarji.

> *Huma nulli atti ġudizzjarji (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament; (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti; (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-*

[1] Emendat b'Att IV tal-2016
[2] **Charles Fino vs Alfred Fabri** - Appell Ċivili - 28 ta' Frar 1997; **Dr. Joseph Ellul vs Jos. G. Coleiro** - Appell Ċivili - 24 ta' Jannar 1964

*forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat; (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi.*

*L-eċċezzjoni ta' nullita' kif maħsuba fil-paragrafi(a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

Minn eżami tal-**Artikolu 460 (1) tal-Kap 12 u tal-Artikolu 789 tal-Kap 12** kif ukoll minn analiżi tal-ġurisprudenza rilevanti jemerġu s-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Kull proċedura ġudizzjarja kontra l-Gvern jew kontra awtorita' pubblika hija regolata bis-sub iċiż 460 (1) ħlief dawk il-ħames kategoriji ta' azzjonijiet imsemmija b'mod ċar fis-sub inċiż 460 (2). L-ebda kategorija oħra ta' azzjonijiet mhux espressament imsemmija fis-sub inċiż 2 ma hi eżenti mid-dispost tas-sub iċiż wieħed.

2. L-azzjonijiet ġudizzjarji kontra l-Gvern jew kontra awtorita' jew uffiċjal pubbliku mhux eċċetwati trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni uffiċjali u l-mogħdija ta' żmien għaxart ijiem mill-jum li fih il-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun ġiet notifikata b'dik l-interpellazzjoni ġudizzjarja.

3. Din il-ħtieġa ta' interpellazzjoni uffiċjali preventiva u d-dekors tat-terminu min-notifika huwa privileġġ mogħti

espressament mil-liġi lill-amministrazzjoni pubblika u bħala tali tikkostitwixxi forma ta' limitazzjoni fuq il-jedd ta' persuna privata li tfittex għad-drittijiet tagħha lill-amministrazzjoni pubblika quddiem il-qrati.

4. Minħabba li hija regola restrittiva tal-jedd li wieħed jadixxi l-qrati, tali restrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva sabiex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn iċ-ċittadin ifittex id-drittijiet tiegħu quddiem il-qrati. Fl-istess ħin pero' huwa miżmum li dan il-privileġġ proċedurali mogħti lill-amministrazzjoni pubblika huwa wieħed ta' ordni pubbliku u ma hux rinunzjabbli. Inoltre, l-eċċezzjoni tan-non osservanza tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 hija sollevabbli ex officio.[3]

5. Il-liġi titfa l-oneru fuq ir-Reġistratur tal-Qorti li ma jaċċettax il-preżentata ta' kawżi kontra l-amministrazzjoni pubblika jekk mhux akkumpanjati mill-prova tal-interpellazzjoni uffiċjali debitament notifikata. Il-fatt li r-Reġistratur tal-Qorti jħalli, konxjament jew le, li tiġi ppreżentata kawża ta' din ix-xorta mingħajr ma jkun sodisfatt li kien hemm tali interpellazzjoni uffiċjali debitament notifikata, ma jissanax dak li hu null *ab ovo*.[4]

6. Artikolu 460 jitlob illi min ikun ser jintavola azzjoni kontra l-awtorita' pubblika għandu l-oneru li josserva *ad unguem* dak li tassattivament timponi l-ligi ċioe' illi mhux biss preventivament jintavola l-interpellazzjoni uffiċjali li għandha tiġi debitament notifikata, iżda wkoll li jassigura illi l-pretensjoni tiġi fl-interpellazzjoni uffiċjali spjegata b'mod ċar.

---

[3] **Corinne Ward vs Foundation For Medical Services et.** - Prim' Awla - 13 ta' Awissu 2015.

[4] **Joseph Mizzi vs Avukat Ġenerali** - Prim' Awla – 5 ta' Frar 1999 (mhux pubblikata)

7. In-nullita' li tiġri bin-nuqqas ta' tħaris tal-Artikolu 460 tolqot biss lil dik il-parti li fil-konfront tagħha jkun seħħ dak in-nuqqas.[5] Huwa minnu illi hemm sentenzi li jqisu l-azzjoni nulla anke fil-konfront ta' dawk li ma humiex milqutin bid-dispost tal-Artikolu 460[6]; iżda fil-fehma ta' din il-Qorti tali interpretazzjoni tmur kontra l-bilanċ li jrid jinżamm bejn min-naħa l-osservanza ta' regola proċedurali ta' ordni pubbliku u min-naħa l-oħra id-dritt fundamentali tal-individwu li jfittex għad-drittijiet tiegħu quddiem il-qrati.

8. Id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta;……….. Il-kelma "partikolarita'" kif użata fl-artikolu 789(1)(d) tirreferi għall-kontenut tal-att bħalma huma l-kawżali, l-oġġett, u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-liġi tippreskrivi. Kien għalhekk li n-nullita' tal-preżentata ġiet imfissra bħala "nullita' virtwali", kif kontrapposta għan- "nullita' essenzjali" msemmija fil-liġi;[7]

Delineati l-elementi prinċipali regolanti l-privileġġ mogħti lill-amministrazzjoni pubblika rigwardanti proċeduri ġudizzjarji istitwiti kontra tagħha kif ukoll l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji, imiss issa li jiġi deliberat jekk l-eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni hiex fondata.

Il-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni jeċċepixxi illi l-attriċi ma setgħatx tistitwixxi kawża kontra tiegħu qabel ma jkun

[5] **Jac Steel Ltd vs Kummissarju tal-Pulizija** - Prim' Awla - 2 ta' Marzu 2016
[6] **Av Dr Louis Vella vs Ronald Grech** - Prim' Awla - 22 ta' Ġunju 1992
[7] Sentenza tal-Prim' Awla tal-25 ta' Settembru 2003 fl-atti tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet **It-Tabib Prinċipali tal-Gvern vs Motherwell Bridge (Malta) Ltd**. Ara wkoll **Grazio Cachia vs Agostino Carbone** - Prim' Awla - 7 ta' April 2016; **Joseph Vassallo vs Joseph Delia** - Prim' Awla - 31 ta' Mejju 2006.

notifikat b'ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju u jkunu għaddew għaxart ijiem minn tali notifika. Jissottometti illi in-nuqqas li l-attriċi tosserva dak provdut bl-artikolu 460 jirrendi l-azzjoni fil-konfront tiegħu nulla.

Jirriżulta mill-atti illi fid-29 ta' Settembru 2021 l-attriċi intavolat ittra uffiċjali[8] kontra (i) s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa; u (ii) d-Direttur Ġenerali (Resourcing and Employee Relations) Ministeru tas-Saħħa. Kontra l-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni ma ġietx ippreżentata interpellazzjoni uffiċjali.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha l-attriċi tissottometti illi l-obbligu tan-notifika tal-interpellazzjoni uffiċjali huwa sodisfatt għaliex hija innotifikat mhux biss liż-żewġ uffiċjali pubbliċi fuq imsemmija li lilhom kienet indirizzata l-ittra uffiċjali iżda wkoll ġiet notifikata lill-Avukat tal-Istat u għalhekk il-Gvern ġie notifikat fir-termini tal-Artikolu 460.

Skond l-attriċi in-notifika tal-ittra uffiċjali lill-Avukat tal-Istat għandha tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 460 fejn jirrigwarda n-notifika lill-Gvern. L-attriċi ssostni illi l-obbligu impost bl-Artikolu 460 huwa li jiġi notifikat il-Gvern bl-interpellazzjoni uffiċjali u mhux neċessarjament l-uffiċjal pubbliku li eventwalment jiġi mħarrek b'kawża. Iżżid tissottometti l-attriċi illi id-diċitura użata fl-artikolu 460 bl-użu tal-kelma "jew" għandu jinftiehem illi mhux meħtieġ li l-interpellazzjoni uffiċjali tiġi notifikata lill-uffiċjal pubbliku li eventwalment jiġi mħarrek f'kawża, iżda li huwa biżżejjed skond l-attriċi li jiġi notifikat il-Gvern.

[8] Ittra Uffiċjali nru 2494/21

Ikkunsidrat;

Fl-ittra uffiċjali tad-29 ta' Settembru 2021 l-attriċi tispjega b'mod ċar l-ilment tagħha, u ċioe' illi bħala impjegata fis-servizz pubbliku kienet tħalliet fi skala 13 mentri hija tqis li bi dritt għandha tkun fi skala 12. Tant hu hekk li fl-istess ittra uffiċjali titlob ukoll il-ħlas ta' somma flus rappreżentanti danni konsegwenzjali minnha pretiżi peress li ma tqegħditx fl-iskala minnha pretiża.

Dik tal-attriċi hija ittra uffiċjali indirizzata lil żewġ uffiċjali pubbliċi, l-ewwel żewġ konvenuti ċitati fil-kawża odjerna u notifikata sew lilhom kif ukoll lill-Avukat tal-Istat.

Sabiex tiddelibera dwar is-sottomissjoni tal-attriċi illi bin-notifika tal-ittra uffiċjali lill-Avukat tal-Istat issodisfat ir-rekwiżit impost bl-Artikolu 460 tal-Kap 12 fil-konfront tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-**Artikolu 181B tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:

> (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
>
> Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> (a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;
> (b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
> (ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.

> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern

Huwa ċar minn qari tal-artikolu tal-liġi appena ċitata illi min-notifika tal-ittra uffiċjali lill-Avukat tal-Istat ma jista' jinstilet l-ebda effett fit-termini tal-Artikolu 460 ġialadarba huwa aktar minn evidenti illi dan ma kienx każ fejn minħabba n-natura tat-talba ma kienx possibbli li l-ittra uffiċjali tiġi diretta kontra xi kap ta' dipartment tal-Gvern. Tant hu hekk illi l-istess ittra uffiċjali ġiet notifikata sew lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa kif ukoll lid-Direttur Ġenerali fil-Ministeru tas-Saħħa. Għalhekk is-sottomissjoni tal-attriċi illi bin-notifika tal-ittra uffiċjali lill-Avukat tal-Istat innotifikat lill-Gvern u allura wkoll lill-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni fit-termini tal-Artikolu 460 ma fiha l-ebda fondament legali.

Din il-Qorti diversament presjeduta ġia kellha okkażżjonijiet titratta sitwazzjonijiet xi ftit jew wisq simili. Fis-sentenza **Av Dr Cedric Mifsud noe vs Aġenzija Identita Malta u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali** mogħtija mill-Prim' Awla fis-7 ta' Lulju 2016 fejn qabel istitwixxa l-kawża l-attur kien ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-Aġenzija konvenuta iżda mhux ukoll kontra l-Ministru konvenut ġie deċiż illi:

> Jekk l-attur dehrlu li kellu jharrek kemm l-Agenzija u l-Ministru, kellu japplika d-dispost tal-art. 460(1) *ad unguem*. Il-kelma 'jew' fl-istess artikolu mhix ghazla moghtija lil attur li jharrek wiehed mill-persuni msemmija bl-inkluzjoni awtomatika tal-ohrajn hemm imsemmija izda hu intiz biex isemmi il-persuni distinti u separati li l-attur kellu jedd iharrek.

> Ghalhekk is-sottomissjoni tal-attur ma treggix u kellu jindirizza l-ittra ufficjali liz-zewg persuni li taghhom kollha tigi indirizzata.

Fl-istess vena hija s-sentenza **Avv. Michele Cardinali noe vs (1) il-Kummissarju tal-Pulizija u (2) L-Avukat Ġenerali** mogħtija mill-Prim' Awla fit-30 ta' Jannar 2020:

> "…. zgur illi ma jistax jigi accettat minn din il-Qorti li interpellazzjoni lil Dipartiment jew Awtorita` partikolari ghandu jkollha effett universali ghall-fini tal-Art 460(1) tal-Kap 12 fuq persuni ohra ndikati fid-disposizzjoni.

Filwaqt li kif ġia sottolineat *supra* il-qrati għandhom sa fejn possibbli isalvaw proċedimenti ġudizzjarji milquta b'imperfezzjonijiet ta' natura minuri u rimedjabbli; fil-kawża odjern in-nuqqas da parti tal-attriċi illi tippreżenta u tinnotifika preventivament lis-Segretarju Permanenti Ewlieni b'interpellazzjoni uffiċjali qabel tistitwixxi l-kawża huwa fatali, kontra dak rikjest espressament mil-liġi ad validitament u ma jistax jiġi sanat.

Fiċ-ċirkostanzi tapplika perfettament il-massima legali *dura lex sed lex*.

Konsegwentement tqis illi l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni hija nulla bil-konsegwenza li qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni minnu eċċepita.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni, tiddikjara ir-rikors promotur ossia l-azzjoni attriċi fil-konfront tiegħu bħala nulla minħabba li l-attriċi ma osservatx fil-konfront tiegħu dak dispost *ad validitatem* bl-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u konsegwentement tillibera lill-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza a karigu tal-attriċi.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-konfront taż-żewġ konvenuti l-oħra.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Lulju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**